MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 354/2006/1

**Fenech Plant Hire Limited**

**vs**

**Peter Montebello**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat is-16 ta' Novembru tas-sena 2006 izda effettivament fl-ahhar debitament imhallas fil-15 ta' Frar tas-sena 2007, li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef tlett mija wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM3,321.96,0), rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, fuq ordni tieghu stess;

2. Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta’ Ottubru, tas-sena 2004, kontra l-intimat, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat datata l-5 ta’ Marzu tas-sena 2007 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi preliminarjament in-nullita’ ta’ l-Avviz ghaliex dan huwa formulat b’mod tant vag u generiku illi jaghmilha impossibbli lill-esponenti jifhem ezattament ghal liema konsenja ta’ merkanzija: la hemm indikazzjoni tal-generu tal-merkanzija, la fattura jew almenu statement esebit, b’mod illi l-esponenti ma jistax jeccepixxi u jiddefendi ruhu li ggib in-nullita` konsegwenti ta’ l-avviz;

2. Illi l-esponent jghid illi sa fejn jaf huwa m’ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici. L-ahhar negozju li sar bejniethom kien hafna snin ilu u jinsab imhallas. L-esponenti pero` qed jirrizerva illi jeccepixxi ulterjorment, jekk il-Qorti taghti fakolta` lill-attrici li ticcara, l-avviz b’mod illi l-esponent jista` jkun jaf il-bazi tat-talba, inkluz li jeccepixxi, jekk ikun il-kaz, il-preskrizzjoni applikabbli;

3. Salvi eccezzjonjiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ l-intimat datata s-17 ta’ Settembru tas-sena 2007, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tan-nullita`, l-esponenti jeccepixxi ulterjorment:

a. Il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar, a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;

b. Minghajr pregudizzju, dik tas-sentejn, a tenur ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili;

c. Minghajr pregudizzju, dik tal-hames snin, a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat l-affidavit ta' l-intimat;

Innotat li l-partijiet ghazlu li t-trattazzjoni finali ssir bil-miktub;

Ezaminant in-noti rispettivi tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi skond ir-rezokont ippreparat mis-socjeta` attrici li jidher a fol 38, l-ammont pretiz minnhom ikopri l-perjodu minn Marzu ta' l-1998 sa Marzu tas-sena ta' wara;

2. Illi skond l-istess analisi jirrizulta li l-konvenut hu debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tlett elef,. tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM3,321.96,0), ekwivalenti ghal sebat elef seba' mija u tmienja u tletin Ewro u tminn centezmi (€7,738.08);

3. Illi dan l-ammont hu pretiz ghall-fornimenti ta' konkos li s-socjeta` rikorrenti ghaddiet lill-intimat

matul l-istess perjodu fuq xoghol li l-intimat kien qed jeffettwa f'Wied Ghammieq;

4. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tigbed l-attenzjoni tal-konvenut ghal dan l-ammont minnhu dovut u gie affermat li f'okkazzjoni minnhom l-istess konvenut kien anke issugerixxa transazzjoni pacifika u immedjata tal-vertenza billi jpaci l-ammont minnhu dovut lis-socjeta` rikorrenti b'garage proprjeta` li l-intimat kellu f'Marsaskala;

5. Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li mieghu kien qed jigu kondotti t-trattattivi informa lill-intimat li sa kemm kien isib ibiegh dan il-garage u jdahhal il-flus tieghu, ma kien hemm l-ebda oggezzjoni ghall-konkluzzjoni ta' dan il-ftehim;

6. Irrizulta pero` li meta dan ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti ha n-nies bil-ghan li jinnegozja dan il-garage kif xtaq hu, instab li l-entratura ta' l-istess garage ma kinitx tajba ghaliex kienet baxxa;

7. Illi wara l-falliment ta' dawn l-isforzi, dan ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li kien qed jikkonduci t-trattattivi f'isem is-socjeta` indikata ma' l-intimat, informa lill-istess intimat li din l-offerta ma kinitx accettata u ghalhekk baqa' jinsisti mieghu ghall-pagament dovut;

8. Illi nonostante dan il-falliment fit-trattattivi l-intimat baqa' jippersisti u nforma lil dan ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li nononostante li l-bieb ta' naha wahda kien inutili, il-bieb ta' l-istess garage, minn naha l-ohra kien ser ikun tajjeb anke ghaliex it-triq kienet ser tinfetah;

9. Illi ghalhekk, bil-pacenzja kollha, ir-rapprezentant fuq indikat kien rega' effettwa sopraluog fil-post lilu ndikat u xorta wahda sab li dan kien kollu inutile ghaliex, anke minn hawn, l-entratura ma kienitx tajba;

10. Illi ghalhekk, ghal darb'ohra, dan ir-rapprezentant rega' nforma lill-intimat li t-transazzjoni offruta ma kienitx qed tigi milqugha;

11. Illi skond l-istess protagonist jirrizulta li l-partijiet involuti ltaqghu diversi drabi, (*"…iltqajt mieghu mitt darba…"),* (ara fol 36), bil-ghan li l-intimat ihallas tal-konkos lilu konsenjat anke quddiem terzi, izda dan kien inutili;

12. Illi jirrizulta li meta rapprezentant iehor tas-socjeta` rikorrenti mar jitlob l-ammont de quo mill-intimat, qala' xebgha li fuqha l-partijiet jidher li ghadhom il-qorti;

13. Illi nonostante dan il-kalvarju malizzjuz, xorta baqghu jsiru kuntatti bejn il-partijiet bl-intimat jassigura lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li kien ser ihallas l-ammont minnu dovut – izda minn fuq, li kienu dejquh, (ara fol 36);

14. Illi aktar tard, meta iben l-imsemmi rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li l-aktar kien qed jikkonduci trattattivi ma' l-intimat kellu bzonn xi qtugh ta' blat f'xi post li kien qed jibni, l-intimat gie kkuntattjat biex jeffettwa dan il-qtugh flok li jhallas l-ammont minnu dovut, u dan accetta;

15. Illi pero' meta dawn marru jispezzjonaw fejn kellu jsir ix-xoghol pattwit l-intimat informa lill-interlokatur tieghu li kien ser jitolbu rata li effettivament kienet id-doppju tar-rata korrenti fis-suq;

16. Illi bi frankezza liema bhala dan ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jafferma bil-gurament li ried ikun *"imbecilli"* biex jaccetta tali proposta, u ghalhekk it-trattattivi regghu, ghal darb'ohra ikkrollaw;

17. Illi peress li l-ammont ghadu dovut mill-intimat, is-socjeta` attrici kienet kostretta tintavola din il-procedura wara li kienet baghtitlu ittra interpellatorja ghal dan il-ghan, (ara fol 41);

Ikkunsidrat:

Illi skond l-intimat il-fatti tal-kaz jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi t-talba hi preskritta;

2. Illi m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi t-trattattivi fuq il-garage indikat fl-analisi tal-versjoni tas-socjeta` rikorrenti kien ghal kollox estraneu ghall-vertenza in dizamina;

4. Illi l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti rigwardanti l-qtugh tal-blat hi ghal kollox falza stante li kienet tirrigwarda negozju normali u ma kienitx marbuta mal-vertenza odjerna;

5. Illi l-intimat la rcieva l-ebda interpellazzjoni ufficjali u lanqas intimazzjoni bonarja;

6. Illi lanqas effettwa xi pagamenti rateali – u dan, ghaliex m'ghandu jaghti xejn;

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-analizi fattwali fuq delineat, din il-qorti qed tigi wkoll kostretta tinvesti l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat li permezz ta' din it-tattika forensi tieghu qieghed juri li qed jaghzel li jippersisti ad oltranza fin-negazzjoni li jassumi r-responsabbilitajiet tieghu tant essenzjali f'imprenditur li necessarjament jiddependi mill-awra t'irgulija li hu jipprogetta fuq il-klijenti tieghu – haga li jidher li l-intimat ma tinteressahx;

Illi kull ma jinteressa lill-intimat, anke jekk hemm bzonn, bl-uzu tal-forza, hu li ma jhallasx tal-konsenji lilu forniti – akkost li anke jidhol fi spejjez inutili li zgur ma jagevolawhx u li zgur fl-ahhar jigu infilzati fuqu bla rispett;

Ikkunsidrat:

Illi l-agir ta' l-intimat xejn ma jirrizulta li hu ghaqli ghaliex kull m'hu qed jaghmel hu li *"jilghaba ta' l-iblah biex ma jhallasx dwana"* – haga, li fic-cirkostanzi m'hix rakkomandabbli;

Illi in sintesi d-difiza ta' l-intimat aktar tixbah sajda milli difiza legali billi qed tipproponi li jezistu tlett (3) tipi ta' preskrizzjoni kif minnu ndikati li jinkludu dik ta' tmintax-il xahar; dik ta' sentejn u finalment dik tal-hames snin;

Illi allura l-intimat ghazel bi prepotenza assurda larament riskontrata li jhalli f'idejn il-gudikant biex hu jara f'liema minnhom jinkwadraw il-fatti fuq analizzati;

Ikkunsidrat:

Illi attitudni arroganti bhal din mhix tollerabbli u jekk l-intimat ghandu lanqas rispett lejn din l-istituzzjoni ghandu mhux biss jagixxi fl-interess tieghu izda ghandu wkoll jagixxi t'ufficcjal tal-qorti li minnha suppost jippretendi l-gustizzja skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-istess intimat ghazel li jipprova jistultifika l-procedura odjerna billi jitfa diversi bsaten fir-roti, minflok kien missu mhux jallega diversi forom ta' difizi inesistenti, izda jipprovahom – haga li hi kospikwament assenti mill-atti;

Ikkunsidrat:

Illi in oltre, l-versjoni tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta li hi aktar verosimili u tirrifletti r-realta` tal-fatti kif evolvew;

Illi skond il-fatturi esebiti jirrizulta li bejn Marzu ta' l- 1998 u Marzu ta' l-1999 l-intimat ha diversi konsenji ta' konkos ghax-xoghol li kien qed jaghmel, hallas diversi ammonti in parte u ghad ghandu jhallas l-ammont indikat fir-rikors promotur;

Illi ovvjament, it-tattika dilatorja ta' l-intimat bdiet tintuza meta s-socjeta` rikorrenti bdiet tinsisti ghall-pagament legittimu lilha dovut;

Illi kien hanwhekk li l-intimat beda l-maratona t'ingann denja ta' l-aqwa avveniment olimpjoniku;

Illi pero` tali prokrastinazzjoni illegittima qatt ma' tista` tkun il-vera bazi ta' xi dritt legali stnate li dan ta' l-ahhar hu biss validu jekk legittimament assodat;

Illi fil-kaz odjern jirrizulta sensiela ta' raggiri, sotterfugi, gideb u sahansitra anke aggressjoni fizika, li din il-qorti kif preseduta zgur li mhix ser tavalla;

Illi di piu` jirrizulta li l-intimat kien kontinwament jafferma d-debitu tieghu fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk ma tarax ghalfejn ghandha tinterrompi dan l-iter kontinwu t'affermazzjonijiet posittivi ta' l-intimat sempliciment ghaliex ghandu l-ardir li jipprezenta affidavit li mill-lingwagg li hemm u li halef b'dizinvaltura ghalih, zgur li ma kitbux hu;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi kemm l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimat, kif ukoll dawk fil-meritu, takkolji pjenament it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-intimat Peter Montebello biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Fenech Plant Hire Limited (C6017) l-ammont ta' tlett elef tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM3,321.96,0), ekwivalenti ghal sebat elef, seba' mija u tmienja u tletin Ewro u tminn centezmi (€7,738.08), rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija, (konkos), mibjugha u kkonsenjata lill-istess intimat fuq ordni tieghu;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data tas-sentenza odjerna.**"**

Ir-revoka ta' din is-sentenza mitluba bl-appell sottomess mill-konvenut hi bazata fuq dawn iz-zewg obbjezzjonijiet:-

(1) L-ewwel Qorti malament interpretat il-fatti illi kien hemm xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni jew ammissjoni da parti tieghu. F'kull kaz, il-konflittwalita` fil-provi ma kellhiex twassal ghall-affermazzjoni ta' l-allegata interruzzjoni;

(2) L-ewwel Qorti ma ghamletx sew meta ddecediet ukoll il-mertu tat-talba attrici ghaliex il-kwestjoni devoluta lilha f'dak il-mument anterjuri ghad-decizjoni kienet wahda limitata ghall-punt tal-preskrizzjoni;

Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-

(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;

(2) F’kaz ta’ applikabilita` ta’ xi wahda minnhom jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;

(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat. Tezisti raguni legali evidenti ghal tali stharrig. L-interruzzjoni tal-preskrizjzoni ghandha l-effett li tannula il-perijodu preskrittiv gja mibdi, f’liema eventwalita` jinizzja perijodu gdid ta’ preskrizzjoni minghajr ma jittiehed qies taz-zmien traskors qabel dik l-interruzzjoni. Dan hu hekk skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artiklu 2136 tal-Kodici Civili. M’ghandniex x’inghidu, imbaghad, il-verifika ta’ tali mument fokali ghal fini tal-komputazzjoni taz-zmien jinhass dejjem opportun fejn, ad ezempju, il-pretensjoni komplessiva tkun karatterizzata minn prestazzjonijiet jew konsenji singoli rikorrenti li kull wahda minnhom ghandha awtonomija guridika, ammenokke ma tkunx tirrizulta l-qaghda prospettata mill-Artikolu 2151 (2) tal-Kodici Civili;

Distillata minn certa frazejologija zejda, u alkwantu, inopportuna, il-koncentrat ahhari tas-sentenza appellata hu certament wiehed difettuz in kwantu hu lampantament car illi l-ewwel Qorti ma segwietx l-*iter* predett ghad-determinazzjoni ta’ l-eccezzjoni ulterjuri li biha l-konvenut appellanti ssolleva l-preskrizzjonijiet a norma ta’ l-Artikoli 2148 (a), 2149 (a) u 2156 (f) tal-Kodici Civili. Fic-cirkostanzi, jikkompeti lil din il-Qorti li tikkonduci tali ezercizzju u li tidentifika liema, jekk inhu l-kaz, hi l-preskrizzjoni abbinata ghat-talba attrici;

Mid-dokument a fol. 38 tal-process jirrizulta li s-socjeta` attrici tibbaza l-pretensjoni kreditorja taghha ghall-forrnituri ta’ konkrete konsenjati f’intervalli bejn Marzu 1998 u Marzu 1999. Il-Kodici Civili jitratta d-dekorriment taz-zmien ghall-proponiment ta’ l-azzjoni dwar fornitura ta’ materjal f’diversi disposizzjonijiet taht l-istitut tal-Preskrizzjoni. Dan jaghmlu, ad ezempju, fl-ewwel zewg artikoli senjalati mill-appellanti bl-eccezzjoni tieghu. Naturalment, ghal fini ta’ l-applikabilita`, o meno, taghhom,

konsiderazzjoni trid tinghata lill-kwalita` tal-venditur kommercjant ta' dik il-fornitura;

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti maghrufa ta' dan il-kaz ma jidhrux li jattiraw lejhom il-preskrizzjonijiet qosra kontemplati mill-Artikoli 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kodici Civili tant ghaliex is-socjeta` appellata ma hijiex xi wiehed mill-artiggjani prevvisti mill-Artikolu 2148 (a) (ara "**Benny Camilleri -vs- Ian Schembri *et***", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 16 ta' Dicembru, 2002), tant ghaliex ukoll lanqas ma hi xi wiehed mill-appaltaturi ghal liema jirreferi l-Artikolu 2149 (a) (ara "**George Zammit -vs- Teresa Bonnici *nomine***", Appell Civili, 27 ta' Mejju, 1957). Pjuttost, issib applikazzjoni d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2156 (f) trattasi minn bejgh u fornitura ta' materjal minn azjenda destinata ghall-attivita` produttiva u mhux ghall-uzu personali (ara "**General Precast Concrete Limited -vs- J.T.E. Limited**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 20 ta' Ottubru, 2004);

Stabbilit li ghall-fattispeci hi applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali, u maghruf ukoll illi l-azzjoni giet intavolata fis-16 ta' Novembru, 2006, l-ezami ulterjuri tal-kwestjoni jikkomporta dak tar-ricerka ta' xi att jew fatt interruttiv ta' din il-preskrizzjoni;

Jigi qabel xejn rilevat illi jekk il-konvenut appellanti kien mghobbi bl-oneru li jittipizza l-preskrizzjoni skond xi wahda mill-preskrizzjonijiet varji prevvisti mil-ligi (Artikolu 2111, Kodici Civili), l-inkombenza tal-piz tal-prova ta' l-interruzzjoni tmiss lis-socjeta` attrici appellata in kwantu oggett tad-difiza taghha fil-konfront ta' dik l-eccezzjoni. Dmir il-gudikant hu dak, imbaghad, li mill-provi akkwiziti jistabilixxi jekk dik l-interruzzjoni hix effettivament sostenuta;

Issa skond il-Kodici Civili l-interruzzjoni riedet tigi provata b'xi wahda mill-ipotesijiet fih prevvisti. Jigifieri, permezz

ta’ att gudizzjarju (Artikolu 2128) jew minn certu atteggjament li juri illi l-konvenut-debitur qieghed lilu nnifsu f’qaghda li tirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni opposta. Skond il-ligi din il-qaghda hi espressa mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici. A propozitu, inghad minn din il-Qorti, kif presjeduta, illi, “r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta’ xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta’ l-ezistenza tad-dritt. *Ad exemplum*, il-weghda tal-hlas, talba ghal dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f’denunzja tas-successjoni jew f’forma ta’ entrata fl-*accounts*” (“**Austin Psaila -vs- Lother Slabick**”, 9 ta’ Frar, 2005). S’intendi, kif pacifikament akkolt, “rikonoxximent tad-dejn sabiex jopera bhala interruzzjoni jew rinunzja ghal preskrizzjoni jinhtieg li jirrizulta car u ma jistax jigi kongetturat minn kliem vag” (“**Joseph Carabott *et* -vs- Lorenzo Decelis *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 29 ta’ April, 1976, per il-kompjant Imhallef George Schembri;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni s-socjeta` appellata tippretendi li kien hemm rikonoxximent tal-kreditu taghha mill-appellanti in bazi ghall-assunt illi dan offra li jissalda l-kont fatturat minnha. Mhux l-anqas, permezz ta’ offerta ta’ tpacija ma’ garaxx li l-konvenut kellu f’Marsaskala. L-indagini rivolta biex tkun accertata l-veracita` ta’ dan l-assunt kienet timporta li jigu skrutinati l-provi attendibbli, u l-aktar jekk dik l-offerta kienetx taspira ghal dak tar-rikonoxximent allegat. Konformement ghal gurisprudenza accennata huwa ferm importanti li dan ir-rikonoxximent jirrizulta b’mod car u esplicitu, ghax, inkella, f’kaz ta’ konflitt, il-preskrizzjoni ma hijiex eskluza u, anzi, tibqa’ tregi (ara **Kollez. Vol. XXX P I p 989**);

L-appellanti jikkontendi illi dik l-offerta tieghu, meta saret, kienet konnessa ma’ diskors dwar possibilita ta’ xi negozji futuri mas-socjeta` appellata, u mhux ghax kellha x’taqsam mal-pretensjoni attrici *de qua* (ara Affidavit

tieghu a fol. 44). Din il-Qorti tistqarr illi ssibha ferm difficli, jekk mhux ukoll, impossibbli, tenut ukoll rigward ta' proposti li ripetutament jinghad li saru mill-appellanti ghal dilazzjoni tal-pagament, illi taccetta leggerment din l-asserzjoni ta' l-appellanti. Jekk xejn, ghaliex huwa inkocepibbli ghall-intelligenza ta' din il-Qorti illi mentri l-kont tal-fornituri kien ghadu mhux saldat, il-partijiet kienu qed jiddiskutu u jesploraw il-possibilita` ta' negozjati flimkien ghal quddiem. Fil-verita sostanzjali tal-provi, l-interpretazzjoni l-aktar konsistenti u l-izjed attinenti ghal presumibbli volonta b'dik l-offerta kienet dik li l-appellanti ried jiskonta d-dejn pendenti li kellu mas-socjeta` attrici bil-kompensazzjoni mal-garaxx proprjeta` tieghu. Ma jistax allura jinghad li kienet tezisti d-"*dubbiezza nell'animo del debitore intorno alle pretese del creditore*", li ssemmi s-sentenza fl-ismijiet "**Vincenzo Maria Debono -vs- Dr. Massim. Debono**" Appell Civili, 1920. Pjuttost, l-invers hu l-kaz. Dik l-offerta tispjega illi l-konvenut appellanti kien qieghed jirrikonoxxi, u jikkonfessa wkoll, illi hu kien ghadu debitur versu s-socjeta` appellata ghal dak il-kreditu reklamat;

Dan iwassal ghal konsiderazzjonijiet tal-fattur zmien ta' meta saret dik l-offerta ghall-iskop ta' dak li jinghad fl-Artikolu 2151 predett tal-Kodici Civili. Fuq dan l-element ma jistax jinghad li x-xhieda offerta mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici hi wahda preciza. Hekk filwaqt li x-xhud Philip Fenech (fol. 52) isemmi li l-offerta saret "xi sentejn u nofs ilu mil-lum" (udjenza tal-5 ta' Novembru, 2007), huh l-iehor Joseph Fenech, dejjem fl-istess udjenza, jiddikjara li "kien offrielna l-garaxx xi tliett snin, erba' snin ilu". (ara deposizzjoni tieghu a fol. 54). Terga' huhom iehor Carmel Fenech (fol. 35) jirreferi b'mod generiku u impreciz ghal "darba minnhom". Jekk il-Qorti taccetta, kif qeghda hekk taccetta, illi l-offerta saret erba' snin qabel dan ifisser illi din saret fl-2003, f'liema eventwalita l-hames snin tal-preskrizzjoni applikabbli ma kienux ghadhom ghaddew meta giet prezentata l-azzjoni fl-2006. Tutt'al piu`, jekk dik l-istess offerta saret wara d-dekors tal-hames snin, dan kien jimporta ghal rinunzja tal-preskrizzjoni gja akkwistata

fit-termini ta' l-Artikolu 2108 (2) kombinat ma' l-Artikolu 2109 tal-Kodici Civili;

Il-konkluzjoni tas-suesposti konsiderazzjonijiet hi dik li l-ewwel aggravju ma jistax jitqies sostenibbli. Kwantu ghat-tieni motiv ta' aggravju huwa opportun li jigi qabel xejn osservat illi l-kawza giet iddefferita ghas-sentenza fuq it-talba tas-socjeta` attrici. Huwa veru illi kienu qed jigu trattati mill-partijiet d-difizi tal-konvenut fuq il-bazi tal-preskrizzjonijiet minnu sottoposti. Daqstant iehor pero` hu minnu wkoll illi l-provi prodotti ma kienux ristretti ghal daqshekk biss. Dan hu sew evidenti mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda in atti. Fuq kollox, imbaghad, ma jidherx li *a tempo debito* f'dik l-istess udjenza jew sussegwentement ghaliha l-appellanti ssenjala lill-Qorti li kien ghad baqalu provi fil-mertu x'jipproduci jew, almenu, ipprotesta ghar-redazzjoni ta' dak il-verbal b'dik id-dikjarazzjoni. Jikkonsegwi, allura, illi jekk dak il-verbal kien qed jattesta l-attivita processwali kompjuta f'dak il-mument, mhux ghal din il-Qorti li tiddisputah jew, ukoll, tinjorah. Konsegwentment, anke dan it-tieni aggravju qed jitqies infondat.

Ghal motivi kollha superjorment dedotti l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma l-konkluzjoni tas-sentenza appellata, anke jekk issa ghall-konsiderazzjonijiet ben diversi minn dawk ta' l-ewwel Qorti. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------